**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija llum, il-Ħamis, tlieta (3) ta' April 2025

Kawża Nru 56/2024

**Ir-Repubblika ta' Malta**

*(Dr. Tilden Tabone u Spettur Mario Xiberras)*

**Vs**

**Leanne Chalbi**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Leanne Chalbi**, bint Mohamed Ben Mustapha Chalbi u Susan Moore, imwieled il-Pieta' fl-għaxra (10) ta' Ġunju 1988 u

residenti 74, Triq Azzopardi, Marsa u detentriċi tal-karta tal-identita' numru 278088 (M) talli matul il-lejl ta' bejn id-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru u t-tletin (30) ta' Ottubru 2024, ġewwa Sardinella, Triq tal-Plejju, Marsalforn, Żebbuġ, Għawdex, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

(1) bil-ħsieb li tikkommetti serq ta' flus u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, liema valur tal-ħaġa misruqa huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), iżda ma huwiex aktar minn elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment ta' Kenneth Magro u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;[1]

(2) aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi kkawżat lil Kenneth Magro biża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 221(1);[2]

(3) aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi għamlet inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kienet ipprovokata, inġurjat lil Kenneth Magro b'mod li ħarġet barra mil-limiti tal-provokazzjoni;[3]

(4) aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ħebbet kontra l-persuna ta' Kenneth Magro sabiex tinġurjah, iddejqu, jew tagħmel ħsara lilu jew lil

[1] Artikoli 261(ċ) u 267 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikolu 251(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[3] Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

ħaddieħor, kemm il-darba dan il-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali;[4]

(5) aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, b'xi modijiet oħrajn mhux imsemmijin band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, kisret volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;[5]

(6) aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi fil-ħin li kienet qiegħda tikkommetti delitt kontra l-persuna, kellha fil-pussess tagħha arma regolari (mus), jew imitazzjoni ta' arma regolari;[6]

(7) aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, żammet u/jew ġarret strument li jaqta' u bil-ponta (mus) mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;[7]

(8) u aktar talli meta kkommettiet ir-reati hawn fuq imsemmija, naqset milli tħares il-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella fid-digriet datat nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' April 2024 u/jew kif sussegwentement ġie emendat li bih ingħatat il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija.[8]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li titratta dan il-każ bħala każ ta' vjolenza domestika skont il-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta.

[4] Artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta
[5] Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[6] Artikolu 55(a) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta.
[7] Artikolu 6 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta.
[8] Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Kenneth Magro billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni.[9]

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba sabiex tordna l-konfiska ta' arma regolari jew munizzjon li kien qed jinżamm jew jinġarr, li ġie akkwistat jew kien fil-pussess, li ġie mportat jew esportat, mibjugħ jew trasferit bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta b'konsegwenza tal-piena għal dak il-ksur.

F'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex titratta lill-imputata Leanne Chalbi bħala reċidiva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kienet misjuba ħatja mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħatja d-dispożizzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi.

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħatja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi.

[9] Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta' tal-partijiet leżi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebit;

Semgħet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet lill-akkużata tixhed minn jeddha u b'mod volontarju;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat li l-kawża kienet postposta aktar kmieni illum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar it-tletin (30) ta' Ottubru 2024, il-Pulizija tal-Għassa tar-Rabat Għawdex ġew infurmati permezz ta' telefonata anonima li kien hemm argument bejn koppja fir-residenza 'Sardinella', Triq tal-Plejju, Żebbuġ, Għawdex. Intqal ukoll li l-argument kompla barra fit-triq. Il-Pulizija marru immedjatament fuq il-post u sabu l-mara li allegatament kienet involuta fl-argument barra r-residenza. Din ġiet identifikata bħala Leanne Chalbi. Meta tkellmu magħha l-Pulizija, Chalbi ddikjarat li l-għarus tagħha, Kenneth Magro kien ħadilha l-ammont ta' seba' mitt ewro (€ 700), il-mobile

u l-unika ċavetta tad-dar. Allegat ukoll li matul il-lejl, Magro kien heddidha li kien ser jaqtgħalha rasha u joqtolha, kif ukoll qabadha minn għonqha b'mod ripetut u anke heddidha b'sikkina li tintewa.

Chalbi rraportat li soffriet ġrieħi f' għonqha u ssejħet ambulanza fuq il-post. Wara li ġiet eżaminata, Chalbi ġiet ċertifikata li kien soffriet ġrieħi ħfief. Peress li kien każ ta' vjolenza domestika, sarilha *risk assessment* u r-riskju ġie klassifikat bħala periklu estrem.

Kenneth Magro ġie rintraċċat mill-Pulizija. Wara li ngħata d-drittijiet tiegħu, huwa talab li jikkonsulta ma' avukat tal-għajnuna legali. Fil-preżenza tiegħu, il-Pulizija wettqu tfittxija fir-residenza u nstabet sikkina li tintewa fil-kamra tas-sodda, flimkien ma' mobile u ammont ta' flus kontanti.

Kenneth Magro għażel li jagħti l-verżjoni tiegħu tal-inċident, fejn iddikjara li nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru 2024 fit-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar (15:30hrs), Leanne Chalbi ltaqgħet ma' ħabib tagħha jismu Marvin u ħaditu fir-residenza ta' Magro u Chalbi. L-imputat stqarr li Chalbi u Marvin xtraw il-*coke* tal-pipa u ġew akkumpanjati minn *dealer* magħruf bħala 'Sparrow' fir-residenza tagħhom. Dawn baqgħu fir-residenza sal-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22:30hrs), u meta Magro ra dan, hu heddidhom li jekk ma joħorġux fi żmien ħames minuti, kien ser iċempel lill-Pulizija.

Kenneth Magro kompla jiddikjara li Chalbi ppruvat tisraqlu madwar erba' mitt ewro (€400) mill-basket personali tiegħu, u dan wassal għall-argument

bejniethom. Hu keċċieha mill-post, iżda aktar tard aċċettaha lura bil-kundizzjoni li jżomm il-mobile tagħha. Magro stqarr li poġġa l-mus fuq il-komodina tiegħu, iżda l-għada filgħodu Chalbi allegatament ħaditu u ppruvat tagħtih daqqa bih. Hu sostna li meta seħħ dan l-argument, hu telaq mir-residenza.

Sar ukoll *risk assessment* fuq Kenneth Magro, u r-riskju ġie kkalkulat bħala wieħed għoli. Il-Maġistrat tal-Għassa, Dr. Simone Grech ġiet infurmata u ħarġet ordni temporanja ta' protezzjoni favur Kenneth Magro.

Il-Pulizija għalhekk bdew proċeduri kriminali kemm kontra Leanne Chalbi u anke kontra Kenneth Magro.

Ikkunsidrat;

Ix-xhud prinċipali f'dawn il-proċeduri kien Kenneth Magro li pero' għażel li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri biex ma jinkriminax lilu nnifsu b'rabta ma' proċeduri li għandu pendenti kontra tiegħu b'rabta mal-istess allegat inċident.

Il-Qorti trid għalhekk tara jekk bil-provi l-oħra li ġew prodotti, tistax tasal biex issib ħtija fl-akkużata.

Il-Qorti tibda biex tinnota li dan il-każ beda wara li Kenneth Magro fil-ħin li ġie mitkellem mill-Pulizija wara r-rapport li għamlet Chalbi allega li huwa kien

vittma ta' vjolenza domestika u li kien ġie misruq minn Chalbi. Dan ir-rapport li għamel Magro baqa' ma ġiex ikkonfermat bil-ġurament minnu.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll li għalkemm l-akkużata kellha kull dritt li tibqa' siekta u ma tixhidx f'dawn il-proċeduri, hija għażlet li tagħti x-xhieda tagħha tal-akkadut. Il-Qorti setgħet tara l-komportament tax-xhud fuq il-pedana tax-xhieda u qablet dak li xehdet illum l-akkużata ma' dak li qalet l-istess akkużata *a tempo vergine* lill-Pulizija. Il-Qorti mhux qiegħda tirriskontra xi diverġenza fil-verżjonijiet mogħtija. Dak li xehdet l-akkużata llum qabel ma' dak li qalet lill-Pulizija. Għalhekk il-Qorti m'għandix dubju mill-veraċita' ta' dak li xehdet l-akkużata u mill-kredibbilita' tagħha.

Rigward l-akkużi, il-Qorti tissenjala s-segwenti:

(1) **<u>l-Ewwel Akkuża</u>** – mill-provi ma rriżultax li l-akkużata serqet xi flus. Il-flus li kien hemm – preċiżament l-ammont ta' erba' mitt ewro (€400) – kienu tal-akkużata u allura din l-akkuża ma tirriżultax;

(2) **<u>it-Tieni (2), it-Tielet (3) u r-Raba' (4) Akkużi</u>** – għall-fini ta' sejbien ta' ħtija f'dawn l-akkużi kienet rikjesta x-xhieda ta' Kenneth Magro, li kif ġie senjalat baqa' ma xehedx u għalhekk ma ġewx ippruvati. Fi kwalunkwe każ wkoll it-tieni akkuża lanqas ma tista' tirriżulta għax il-*course of conduct* huwa nieqes. Dan għaliex anke' mir-rapport oriġinali jirriżulta li dan kien inċident wieħed li dam għaddej biss ftit siegħat. Apparti minn hekk, jekk tabilħaqq Kenneth Magro kellu din il-biża' li ser tintuża vjolenza kontrih

kien imur jagħmel ir-rapport hu u mhux jagħżel li jagħmel ir-rapport wara li ġie nfurmat bir-rapport li kien sar kontra tiegħu minn Chalbi;

(3) **<u>il-Ħames Akkuża</u>** – rigward din l-akkuża jingħad li l-persuni li kienu ċemplu lill-Pulizija u li setgħu taw dettal fuq il-kommozzjoni li kien hemm, ma xehdux f'dawn il-proċeduri. Apparti minn hekk, mix-xhieda ta' Chalbi jidher li kien Magro li kien qed jagħmel l-istorbju u jikser il-buon ordni b'għajjat u ġlied, u mhux l-akkużata;

(4) **<u>Is-Sitt u Seba' Akkużi</u>** – rigward dawn iż-żewġ akkużi jiġi speċifikat li mill-provi prodotti ma rriżultax li l-mus kien proprjeta' ta' Chalbi u li hija kellha fil-pussess tagħha dan il-mus waqt li kienet qed tikkommetti xi delitt. Il-mus veru kien fl-appartament. Pero l-allegazzjoni li Chalbi kellha fil-pussess tagħha dan il-mus waqt li kienet qed tikkommetti delitt għamilha Magro, li baqa' ma xehedx f'dawn il-proċeduri kif ġia indikat. Di piu l-istess Magro jgħid fir-rapport oriġinali li għamel lill-Pulizija a fol. 44 tal-proċess "*poġġejt mus fuq il-komodina tiegħi*". Mela allura dan jeskludi li l-mus kien ta' Chalbi jew inkella hija kellha xi rabta jew konnessjoni oħra mal-istess mus;

(5) **<u>It-Tmien Akkuża</u>** - il-Qorti tinnota li din l-akkuża hija marbuta mal-fatt li hija kkommettiet reati oħra meta kienet marbuta li ma tikkomettix reati oħra waqt li qiegħda fuq liberta' proviżorja. M'hemmx riferenza għall-ksur ta' kundizzjonijiet oħra. Għalkemm l-Ispettur Eman Hayman fix-xhieda tiegħu sostna li l-akkużata ma kinitx qed tiffirma l-*bail book* kif kienet obbligata tagħmel, fil-*bail book* esebit m'hemm l-ebda *entry* għad-dati tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru 2024 jew it-tletin (30) ta' Ottubru 2024. Il-Qorti tinnota li f'dawk l-okkażżjonijiet fejn l-akkużata ma marritx

tiffirma, fil-*bail book* hemm indikat '*failed to sign'* u d-dati rispettivi. Fid-dati tad-disgħa u għoxrin (29) u tat-tletin (30) ta' Ottubru 2024 pero' ma hemm indikat xejn dwar in-nuqqas ta' firma. Rigward il-kwistjoni tal-indirizz, din il-Qorti ma rriżultaliex li l-akkużata biddlet l-indirizz u ma nfurmatx lill-Uffiċjal Prosekutur. Anzi l-istess Uffiċjal Prosekutur fix-xhieda li ta fil-ħamsa (5) ta' Diċembru 2024 spjega kif huwa kien ġie nfurmat bil-bdil tal-indirizz. Għalhekk il-Qorti ma jirriżultalhiex din l-akkuża, li *del resto* riedet tkun marbuta mad-dati tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru u t-tletin (30) ta' Ottubru 2024 indikati fl-istess akkużi.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti **mhux qiegħda issib lill-akkużata ħatja tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħha** u qed tilliberaha minn kull ħtija u piena.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Joseph Grech
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur